**Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu**

►**B**

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tal-15 ta' Marzu 2005**

**dwar għajnuna finanzjarja mill-Komunità għall-operat ta' ċerti laboratorji ta' referenza tal-Komunità fil-qasam tas-saħħa ta' l-annimali u ta' l-annimali ħajjin fl-2005**

*(innotifikata taħt in-numru tad-dokument C(2005) 606)*

**(Il-verżjonijiet bid-Daniż, bl-Ingliż, bil-Ġermaniż, bl-Ispanjol u bl-Iżvediż biss huma awtentiċi)**

(2005/237/KE)

(ĠU L 272M, 18.10.2005, p. 197)

Emendata minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►**M1** | Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/935/KE tat-22 ta' Diċembru 2005 | L 349M | 719 | 12.12.2006 |

▼B

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tal-15 ta' Marzu 2005**

**dwar għajnuna finanzjarja mill-Komunità għall-operat ta' ċerti laboratorji ta' referenza tal-Komunità fil-qasam tas-saħħa ta' l-annimali u ta' l-annimali ħajjin fl-2005**

*(innotifikata taħt in-numru tad-dokument C(2005) 606)*

**(Il-verżjonijiet bid-Daniż, bl-Ingliż, bil-Ġermaniż, bl-Ispanjol u bl-Iżvediż biss huma awtentiċi)**

(2005/237/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-qasam veterinarju ([1]) u b' mod partikolari l-Artikolu 28 (2) tagħha,

Billi:

(1) L-għajnuna finanzjarja tal-Komunità għandha tingħata lil-laboratorji ta' referenza tal-Komunità, maħtura mill-Komunità sabiex tassistihom fil-qadi tad-dmirjiet u tal-funzjonijiet tagħhom stipulati fid-Direttivi u d-Deċiżjonijiet li ġejjin:

— Direttiva tal-Kunsill 2001/89/KEE tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar miżuri Komunitarji għall-kontroll tad-deni klassiku tal-ħnieżer ([2]),

— Direttiva tal-Kunsill 92/66/KEE ta' l-14 ta' Lulju 1992 li tintroduċi miżuri Komunitarji għall-kontroll tal-marda ta' Newcastle ([3]),

— Direttiva tal-Kunsill 92/40/KEE tad-19 ta' Mejju 1992 li tintroduċi miżuri Komunitarji għall-kontroll ta' l-influwenza tat-tjur ([4]),

— Direttiva tal-Kunsill 92/119/KEE tas-17 ta' Diċembru 1992 li tintroduċi miżuri Komunitarji ġenerali għall-kontroll ta' ċertu mard ta' l-annimali u miżuri speċifiċi marbuta mal-mard li jtella' l-infafet fil-ħnieżer ([5]),

— Direttiva tal-Kunsill 93/53/KEE ta' l-24 ta' Ġunju 1993 li tintroduċi miżuri Komunitarji minimi għall-kontroll ta' ċertu mard tal-ħut ([6]),

— Direttiva tal-Kunsill 95/70/KE tat-22 ta' Diċembru 1995 li tintroduċi miżuri Komunitarji minimi għall-kontroll ta' ċertu mard tal-ħut li jaffettwa l-molluski bivalvi ([7]),

— Direttiva tal-Kunsill 92/35/KEE tad-29 ta' April 1992 li tintroduċi miżuri Komunitarji għall-kontroll tal-marda Afrikana taż-żwiemel ([8]),

([1]) ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 19. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, tas-16.5.2003, pġ. 1).
([2]) ĠU L 316, tat-1.12.2001, p. 5.
([3]) ĠU L 260, tal-5.9.1992, p. 1 Direttiva kif l-aħħar emendata bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, l-Iżvezja u l-Finlandja.
([4]) ĠU L 167, tat-22.6.1992, p. 1 Direttiva kif l-aħħar emendata bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, l-I¿vezja u l-Finlandja.
([5]) ĠU L 62, tal-15.3.1993, p. 69, kif l-aħħar emendata mid-Deċiżjoni 2002/60/KE (ĠU L 192, ta' l-20.7.2002, p. 27).
([6]) ĠU L 175, tad-19.7.1993, p. 23, kif l-aħħar emendat mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/288/KE.
([7]) ĠU L 332, tat-30.12.1995 p. 33, kif l-aħħar emendat mid-Deċi¿joni tal-Kummissjoni 2001/293/KE.
([8]) ĠU L 157 ta' l-10.6.1992, p. 19 Direttiva kif l-aħħar emendata bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, l-Iżvezja u l-Finlandja.

▼B

— Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KEE ta' l-20 ta' Novembru 2000 li tistipula dispożizzjonijiet speċifiċi għall-kontroll u l-qerda tal-*bluetongue* ([1]),

— Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/258/KE ta' l-20 ta' Marzu 2000 li taħtar l-istitut responsabbli sabiex jistabbilixxi l-kriterji maħtieġa għall-istandardizzar it-testijiet seroloġiċi sabiex tiġi sorveljata l–effettività tat-tilqim kontra r-rabja ([2]),

— Direttiva tal-Kunsill 2002/60/KE tas-27 ta' Ġunju 2002 li tistabilixxi miżuri għall-kontroll tal-marda li ttella' l-infafet fil-ħnieżer u li temenda d-Direttiva 92/119/KE fir-rigward tal-marda Teschen u d-deni Afrikan tal-ħnieżer ([3]),

— Deċiżjoni tal-Kunsill 96/463/KE tat-12 ta' Lulju 1996 li taħtar il-korp ta' referenza responsabbli sabiex jikkollabora fl-istandardizzar tal-metodi ta' l-ittestjar u l-evalwazzjoni tar-riżultati għal annimali tar-razza pura li jitgħammru ta' l-ispeċi bovina ([4]);

(2) Il-kontribut finanzjarju mill-Komunità għandu jitħallas sakem l-azzjonijiet ippjanati jitwettqu b'mod effiċjenti u li l-awtoritajiet jagħtu t-tagħrif kollu meħtieġ fiż-żmien stipulat.

(3) Għal raġunijiet marbuta mal-baġit, l-għajnuna komunitarja għandha tingħata għal perjodu ta' sena.

(4) Għajnuna finanzjarja addizzjonali għall-organizzazzjoni ta' *workshop* fil-qasam ta' responsabbiltà tal-Laboratorji ta' Referenza tal-Komunità għandha tingħata matul l-istess perjodu f'każ wieħed.

(5) Il-Kummissjoni vvalutat il-programmi ta' ħidma u l-estimi ta' baġit korrispondenti, ippreżentati mil-laboratorji ta' referenza tal-Komunità għas-sena 2005.

(6) Skond l-Artikolu 3(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1258/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni, il-miżuri veterinarji tas-saħħa u dawk tas-saħħa tal-pjanti li ttieħdu skond ir-regoli tal-Komunità għandhom ikunu ffinanzjati taħt it-Taqsima tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija; għal skopijiet ta' kontroll finanzjarju, l-Artikoli 8 u 9 tar-Regolament (KE) Nru 1258/1999, japplikaw ([5]).

(7) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 156/2004 ([6]) tad-29 ta' Jannar 2004 dwar l-assistenza finanzjarja tal-Komunità lil laboratorji ta' referenza tal-Komunità skond l-Artikolu 28 tad-Deċiżjoni 90/424/KEE jistabbilixxi n-nefqiet eliġibbli tal-Laboratorji ta' Referenza Komunitarji li jirċievu assistenza finanzjarja taħt l-Artikolu 28 tad-Deċiżjoni 90/424/KEE u l-proċeduri għall-preżentazzjoni tan-nefqiet u l-verifiki.

(8) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali.

ADOTTAT DIN ID-DECIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għad-deni klassiku tal-ħnieżer, il-Komunità tagħti għajnuna finanzjarja lill-Ġermanja għall-funzjonijiet u d-dmirijiet imsemmija fl-Anness IV

([1]) ĠU L 327, tat-22.12.2000, p. 74.
([2]) ĠU L 79, tat-30.3.2000, p. 40.
([3]) ĠU L 192, ta' l-20.1.2002, p. 27.
([4]) ĠU L 192, tat-2.8.1996, p. 19.
([5]) ĠU L 160 tas-26.6.1999, p. 103.
([6]) ĠU L 27, tat-30.1.2004, p. 5.

▼B

tad-Direttiva 2001/89/KE, sabiex dawn jitwettqu mill-Institut für Virologie der Tierärztlichen Hochschule, Hanover, il-Ġermanja.

L-għajnuna finanzjarja tal-Komunità għandha titla' għal massimu ta' EUR 200 000 għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2005.

L-għajnuna finanzjarja tal-Komunità għall-organizzazzjoni ta' *workshop* tekniku dwar it-teknika ta' dijanjoġi tad-deni klassiku tal-ħnieżer għandha titla' għal massimu ta' EUR 30 000.

*Artikolu 2*

Għad-deni klassiku tal-ħnieżer, il-Komunità tagħti għajnuna finanzjarja lir-Renju Unit għall-funzjonijiet u d-dmirijiet imsemmija fl-Anness V tad-Direttiva 92/66/KEE, sabiex dawn jitwettqu mis-Central Veterinary Laboratory, Addlestone, ir-Renju Unit.

L-għajnuna finanzjarja tal-Komunità għandha titla' għal massimu ta' EUR 50 000 għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2005.

*Artikolu 3*

Għall-influwenza tat-tjur, il-Komunità tagħti għajnuna finanzjarja lir-Renju Unit għall-funzjonijiet u d-dmirijiet imsemmija fl-Anness V tad-Direttiva 92/40/KEE, sabiex dawn jitwettqu mis-Central Veterinary Laboratory, Addlestone, ir-Renju Unit.

L-għajnuna finanzjarja tal-Komunità għandha titla' għal massimu ta' ►M1 EUR 285 000 ◄ għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2005.

*Artikolu 4*

Għall-mard tal-ħnieżer li jtella' l-infafet, il-Komunità tagħti għajnuna finanzjarja lir-Renju Unit għall-funzjonijiet u d-dmirijiet imsemmija fl-Anness III tad-Direttiva 92/119/KEE, sabiex dawn jitwettqu mill-Pirbright Laboratory, ir-Renju Unit.

L-għajnuna finanzjarja tal-Komunità għandha titla' għal massimu ta' EUR 100 000 għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2005.

*Artikolu 5*

Għall-mard tal-ħut, il-Komunità tagħti għajnuna finanzjarja lid-Danimarka għall-funzjonijiet u d-dmirijiet imsemmija fl-Anness C tad-Direttiva 93/53/KEE, sabiex dawn jitwettqu mill-Institut Daniż.għall-Ikel u r-Riċerka Veterinarja, Aarhus, id-Danimarka.

L-għajnuna finanzjarja tal-Komunità għandha titla' għal massimu ta' EUR 145 000 għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2005.

*Artikolu 6*

Għall-mard tal-molluski bivalvi, il-Komunità tagħti għajnuna finanzjarja lil Franza għall-funzjonijiet u d-dmirijiet imsemmija fl-Anness B tad-Direttiva 95/70/KE, sabiex dawn jitwettqu mill-IFREMER, La Tremblade, Franza.

L-għajnuna finanzjarja tal-Komunità għandha titla' għal massimu ta' EUR 90 000 għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2005.

*Artikolu 7*

Għall-mard Afrikan taż-żwiemel, il-Komunità tagħti għajnuna finanzjarja lil Spanja għall-funzjonijiet u d-dmirijiet imsemmija fl-Anness I

▼B

tad-Direttiva 92/35/KEE, sabiex dawn jitwettqu mil-Laboratorio central de veterinaria de Madrid, Algete, Spanja.

L-għajnuna finanzjarja tal-Komunità għandha titla' għal massimu ta' EUR 35 000 għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2005.

*Artikolu 8*

Għall-*bluetongue*, il-Komunità tagħti għajnuna finanzjarja lir-Renju Unit għall-funzjonijiet u d-dmirijiet imsemmija fl-Anness II tad-Direttiva 2000/75/KE, sabiex dawn jitwettqu mill-Pirbright Laboratory, ir-Renju Unit.

L-għajnuna finanzjarja tal-Komunità għandha titla' għal massimu ta' EUR 150 000 għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2005.

L-għajnuna finanzjarja tal-Komunità għall-organizzazzjoni ta' *workshop* tekniku dwar it-teknika ta' dijanjożi għandha titla' għal massimu ta' EUR 15 000.

*Artikolu 9*

Għas-seroloġija tar-rabja, il-Komunità tagħti għajnuna finanzjarja lil Franza għall-funzjonijiet u d-dmirijiet imsemmija fl-Anness II tad-Direttiva 2000/258/KE, sabiex dawn jitwettqu mill-laboratorju ta' l-A.F.S.S.A. Nancy, Franza.

L-għajnuna finanzjarja tal-Komunità għandha titla' għal massimu ta' EUR 150 000 għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2005.

*Artikolu 10*

Għad-deni Afrikan tal-ħnieżer, il-Komunità tagħti għajnuna finanzjarja lil Spanja għall-funzjonijiet u d-dmirijiet imsemmija fl-Anness V tad-Direttiva 2002/60/KE, sabiex dawn jitwettqu miċ-Centro de Investigación en Sanidad Animal, Valdeolmos, Madrid, Spanja.

L-għajnuna finanzjarja tal-Komunità għandha titla' għal massimu ta' EUR 100 000 għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2005.

L-għajnuna finanzjarja tal-Komunità għall-organizzazzjoni ta' *workshop* tekniku dwar it-teknika ta' dijanjożi tad-deni Afrikan tal-ħnieżer għandha titla' għal massimu ta' EUR 30 000.

*Artikolu 11*

Għall-evalwazzjoni tar-riżultati tal-metodi ta' ttestjar ta' annimal tat-tgħammir ta' razza pura ta' l-ispeċi bovina, u l-armonizzazzjoni tal-metodi varji ta' l-ittestjar, il-Komunità tagħti assistenza finanzjarja lill-Iżvezja għall-funzjonijiet u d-dmirijiet imsemmija fl-Anness II tad-Deċiżjoni 96/463/KE sabiex dawn jitwettqu mill-INTERBULL Centre, Uppsala, l-Iżvezja.

L-għajnuna finanzjarja tal-Komunità għandha titla' għal massimu ta' EUR 65 000 għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2005.

*Artikolu 12*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Renju ta' l-Iżvezja u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.